MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Numru. 1423/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**RICHARD VELLA ta' 35 sena iben George u il-mejta Doris nee' Difesa, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' April 1973 u residenti gewwa fond b'numru 9, Triq il-Mosta, Attard, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 200773(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Richard Vella li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha

ta’ Anthony Borg minn H’Attard, liema hsara tista’ iggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti ta’l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dana permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari, jew irregolari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez u dana skond ma iccertifika Dr. R. Gauci MD (Reg 2943) mill-Isptar San Luqa (Art.64, 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tad-19 ta’ Novembru 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiemha, l-Qorti ghandha zewg verzjonijiet ta’ kif sehh dana l-incident jew agressjoni u cioe’ il-verzjoni tal-vittma Anthony Borg u dik ta’l-imputat li hija korroborata minn xhud okulari Clint Borg. Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-vittma kien ilu il-lejla kollha li fih sehh dana l-incident jixrob. Huwa stess jiddikjara illi dak in-nhar fil-ghaxija kien xorob madwar tlett ifliexken inbid. Fil-fatt fil-verzjoni illi huwa jaghti ta’ kif sehhet dina l-aggressjoni fil-konfront tieghu huwa ma jaghti l-ebda spjegazzjoni jew raguni ‘il ghala l-imputat hebb ghalih. Lanqas ma huwa cert jekk fil-fatt l-imputat hebbx ghalih b’xi injama, sikkina jew hadida. Anthony Borg isostni illi huwa ma kellimx lilll-imputat, izda kien l-imputat li waqaf warajh bil-karozza u ghall-ebda raguni, nizel u beda isawwtu. Wara li sehhet l-aggressjoni il-vittma kompla ighid, illi minflok mar lejn id-

dar jew cempel lill-pulizija, rega' mar fejn il-Knisja fejn sab lill-imputat u staqsieh ghaliex kien hebb ghalih, izda ighid illi l-imputat qallu sabiex lilu ma ikellmux u cempel lil-pulizija. Fil-fatt il-pulizija wasslu fuq il-post mhux ghax sejjhilhom Borg u cioe' l-allegat vittma f'dana l-incident izda ghaliex cemplilhom propju l-imputat stess.

Illi minhabba f'dawna l-lakuni fix-xhieda ta' Anthony Borg, il-Qorti hija iktar propensa temmen il-verzjoni ta'l-imputat, kif inhi korroborata bix-xhieda ta' Clint Borg li kien l-uniku xhud okulari ghal parti minn dana l-incident. Illi l-imputat ma jinnegax illi huwa ikkaguna il-griehi jew uhud mill-griehi illi sofra l-imputat. Fil-fatt fix-xhieda tieghu jammetti illi huwa xejjer daqqiet ta' injama (skirting) fid-direzzjoni ta' Borg u tah mhux inqas minn ghaxar daqqiet. Huwa jikkontendi madanakollu illi ghamel dana sabiex jiddefendi ruhu ghaliex kien qed jibza' mill-aggressjoni ta' Anthony Borg fil-konfront tieghu. L-imputat fil-fatt ighid illi dak in-nhar fil-ghaxija hekk kif ghalaq il-kazin fejn huwa jiehu hsieb il-bar u kien qed jaqsam l-isqaq li iwasslu fejn il-Kazin tan-Nazzjonalisti, ra bniedem li gholla idejh fid-direzzjoni tieghu u ghajjatlu. Huwa haseb li kien certu Donald li ighid li ghandu lehnu simili bhal dak ta' Borg u haseb li kien qed isellimlu. Fil-fatt huwa sellimlu lura, izda wara ftit sema' passi mghagglin gejjin jigru warajh u hekk kif dar sab lil Borg gej ihebb ghalih. Ghalhekk huwa iddefenda ruhu bil-mazz cwievet li kellu f'idejh li xejjirhom fid-direzzjoni ta' Borg, Izda b'dina l-azzjoni dawna ic-cwievet spiccaw infirxu ma'l-art. F'dana il-hin huwa beza' u telaq jigri lejn id-dar tieghu ftit 'il boghod u cempel it-tfajla tieghu sabiex tiftahlu ghaliex ma kellux cwievet peress illi kienu waqghu ma'l-art. Lura id-dar huwa iddecieda li jerga' imur lura fil-post fejn sehh l-incident sabiex jigbor il-mazz tac-cwievet li kien tilef, izda peress illi mit-tieqa tad-dar tieghu kien ghadu qed jara lil Borg barra, allura beza u qata' bicca mill-i*skirting* tal-kcina u hadha mieghu sabiex jiddefendi ruhu jekk Borg jerga' ihebb ghalih. Cempel lil habib tieghu sabiex jigi bil-vettura tieghu fuq il-post sabiex ighamillu id-dawl halli ikun jista' isib ic-cwievet li kien tilef. Hawnhekk hekk kif l-imputat kien qed jigbor dawna ic-cwievet, Borg rega' gie sabiex ihebb ghalih u kien hawn illi l-imputat sabiex jiddefendi

ruhu, beda ixejjer l-injama li kellu fid-direzzjoni ta' Borg tant illi Borg tfixkel u spicca waqa' fl-art. Kien hawn illi l-imputat mar ighinu sabiex iqum minn fejn kien u cempel lill-pulizija. Sahansitra Borg tallbu sabiex jaghtih sigarett u l-imputat fil-fatt ghaddielu sigarett. Clint Borg min-naha tieghu jikkonferma illi huwa ra lil Borg ihebb ghall-imputat u kien hawn illi ra lill-imputat ixejjer l-injama fid-direzzjoni tieghu. Jikkonferma illi wara dana Borg waqa' fl-art u l-imputat ghenu sabiex iqum u poggieh bil-qieghda fuq xi tarag sakemm cempel ghal pulizija. Ighid illi f'dana il-mument Borg xorta baqa' jipprova iqum ghalih. Ix-xhud Clint Borg jikkonferma ukoll illi Borg kien jidher xurban.

Illi l-imputat ghalhekk mhuwiex qieghed jikkontesta il-fatt illi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza u dana kif previst fl-artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9. Huwa madanakollu qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u cioe' illi huwa ireagixxa minhabba l-agressjoni li kienet gejja min-naha ta' Borg. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi: "Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**." L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad: "***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi l-Qorti tqis illi dana kien kaz ta' perikolu anticipat u inoltre l-imputat ireagixxa b'mod kemmxejn vjolenti meta

huwa ra lil Borg riesaq lejh. Dana qed jinghad ghaliex mix-xhieda ta'l-imputat stess jirrizultaw zewg fatturi li jimmilitaw kontra t-tezi ta' dina l-iskriminanti. Fl-ewwel lok, l-imputat kien diga hejja ruhu ghal eventwalita ta' xi agressjoni, tant illi meta mar lura fil-post fejn kien sehh l-ewwel skontru bejniethom, huwa ha bicca injama mieghu sabiex ikun lest li jiddefendi ruhu minn kwalunkwe agressjoni. Inoltre lil Borg l-imputat tah mhux inqas minn ghaxar daqqiet bl-injama, tant illi Borg spicca waqa' fl-art u sofra griehi ta' natura gravi. L-imputat f'dina l-agressjoni kollha ma sofra l-ebda griehi.

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998, fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro inghad: ***"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."***

Illi maghdud dana kollu, ghalkemm ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mill-ligi ghal legittima difiza, madanakollu l-Qorti ma tqiesx illi l-imputat ghal xejn b'xejn agredixxa lill-parti leza u ghalhekk f'dana il-kaz jirrizultaw l-elementi ta'l-eccess tal-legittima difeza kif esposti fl-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9. Illi kif diga' inghad iktar 'il fuq il-Qorti temmen il-verzjoni li jaghti l-imputat, li hija ikorroborata u li certament taghmel iktar sens mill-verzjoni moghtija mill-vittma, li minghajr dubbju dak in-nhar ta'l-incident kien xurban u li kien jidher illi ma kellux kontroll fuq l-azzjonijiet tieghu. Illi huwa car illi l-imputat kien qieghed jibza' minn Borg tant illi sabiex imur jigbor ic-cwievet tieghu huwa hass il-bzonn illi igor mieghu bicca injama ghaliex beda jibza ghall-inkoluminita tieghu. Huwa kien diga innota illi Borg kien qieghed jagixxi b'mod aggressiv meta hebb ghalih l-ewwel darba, kien ghadu qed jarah idur fil-vicinanzi u ghalhekk hass il-bzonn li ikollu arma mieghu ghal kull eventwalita'. Dana jindika illi l-imputat ghalhekk kien qieghed jibza' minn Borg. Allura hekk kif rah rega'

riesaq lejh huwa ireagixxa u hass il-bzonn istantanju li jiddefendi ruhu bl-injama li kellu. Madanakollu ghalkemm dana huwa kaz ta' eccess ta' legittima difeza, il-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi f'dana il-kaz kien hemm dik il-biza jew hasda u dak it-twerwir li igibu l-impunita'. Dana qed jinghad billi l-imputat hass lil Borg gej minn warajh u immedjatament ireagixxa bl-injama li kellu vicin tieghu, liema injama huwa kien ha mieghu proprju sabiex juzaha fl-eventwalita li jara lil Borg riesaq lejh. Inoltre wara dina l-aggressjoni, ma jirrizultax illi kien hemm xi biza jew twerir min-naha ta'l-imputat, tant illi l-imputat sahanistra ghen lil Borg iqum mill-art u anke tah sigarett meta Borg tallbu wiehed.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi f'dana il-kaz japplikaw l-estremi ta'l-eccess tal-legittima difiza bhala skuzanti ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat u cioe' ghall-akkuza ta'l-offiza gravi fuq il-persuna.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza ma hemmx wisq x'jinghad u dana peress illi ma tezistiex l-icken prova fl-atti processwali kollha li jindikaw illi l-imputat uza xi sikkina fil-kummissjoni ta' dana ir-reat, jew li kellu fil-pussess tieghu xi sikkina jew xi strument iehor li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi netta tal-imputat u ic-cirkostanzi kollha li fih gie kommess dana ir-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216, 227(d), 230(d) 233(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta'l-ewwel akkuza, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta'l-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba eccess tal-legittima difiza u tikkundannah ghal perijodu ta' tlett xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------